# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 3 ta' April, 2000**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 5/90 JF**

**PHILIP CHIRCOP, esercenti l-kummerc taht l-isem 'CURL AND CHERRY WOODWORKS'.**
**vs**
**ROGER ATTARD.**

**Il-Qorti,**

Rat il-libell ta' Philip Chircop li permezz tieghu wara li ppremetta kif gej:-

1. Illi b'att ta' citazzjoni fl-ismijiet 'ROGER ATTARD' vs PHILIP CHIRCOP esercenti l-kummerc taht l-isem 'CURL AND CHERRY WOODWORKS', (Citazz. Numru 1104/86) ipprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti, l-attur ippremetta li huwa kien inkariga lill-konvenut sabiex jaghmillu xoghol ta' injam konsistenti f'sett tal-kcina, u illi l-konvenut ikkonsenja s-sett hawn fuq riferit lill-attur u rrizulta li x-xoghol li kien gie nkarigat jaghmel il-konvenut ma sarx minnu skond l-

arti u s-sengha, billi kien hemm nuqqasijiet gravi fl-esekuzzjoni tax-xoghol relattiv; premess ukoll li fadal li jsir xi xoghol da parte tal-konvenut li l-attur indika li jrid fis-sett in kwistjoni, u l-istess konvenut baqa' ma lestiex ix-xoghol kollu skond l-inkarigu lilu moghti; premess illi x-xoghol kollu ordnat mill-attur, huwa kien hallas is-somma ta' Lm775, rapprezentanti prezz tal-ordni; u ghalhekk talab li din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara

(a) jekk hemm bzonn illi l-oggetti formanti parti mis-sett tal-kcina ordnat mill-attur u konsenjati mill-konvenut ma nhadmux skond is-sengha u l-arti, kif spjegat;

(b) tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss u taht is-sorveljanza ta' periti nominandi huwa jirrimedja n-nuqqasijiet kollha rizultanti fix-xoghol minnu esegwit, billi okkorrendo anke jissostitwixxi l-oggetti minnu konsenjati b'xoghol iehor mahdum skond is-sengha,

(c) tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss ilesti u jikkonsenja l-bqija tax-xoghol ordnat, mahdum skond is-sengha u l-arti u fin-nuqqas,

(d) tiddikjara bhala xolt l-appalt ezistenti bejn il-kontendenti;

(e) tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lura lill-attur is-somma ta' Lm775 imhallsa kif jinghad hawn fuq; u dan bl-imghax legali; u

(f) tawtorizza lill-attur sabiex jordna l-istess sett tal-kcina ghand haddiehor.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Ottubru 1986, u b'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur kontra l-konvenut, li huwa mharrek biex jidher ghas-subizzjoni tieghu.

2. U premetta illi b'sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 15 ta' Gunju 1988, l-istess Onorabbli Qorti LAQGHET FIL-KONTUMACJA TAL-KONVENUT, l-ewwel tlett talbiet tal-attur, u ghall-fini tat-tieni u t-tielet talba pprefiggiet lill-konvenut 30 gurnata zmien mid-data tal-istess sentenza u ghall-fini tat-tieni talba nnominat a spejjez tal-konvenut il-Perit Tekniku WILLIAM CASSAR TORREGGIANI; u f'kaz li l-konvenut jonqos li jottempera ruhu fiz-zmien lilu moghti mas-suespost tilqa' l-ahhar tlett domandi mhux fil-konfront tax-xoghol ta' riparazzjoni, sostituzzjoni u tkomplija li baqa' issir u ghalhekk tiddikjara xolt l-appalt limitatament fil-konfront tal-imsemmi xogholijiet u tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi s-somma ta' Lm245 bl-imghax legali mill-20 ta' Ottubru 1986 u fl-ahharnett tawtorizza lill-attur li jaghmel l-istess xogholijiet tramite haddiehor u b'riserva ta' kull dritt spettanti lill-attur si et quatenus. L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu a karigu tal-konvenut.

3. U premetta illi l-esponenti odjern sar jaf b'dik il-procedura u bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti hafna wara li inaghtat l-istess sentenza u dan peress li in precedenza l-esponenti qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni u lanqas bl-avviz tas-smiegh tal-kawza, u ghalhekk kien impossibilitat milli jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu sabiex jikkontesta t-talbiet tal-attur, u lanqas jidher biex jikkontesta l-kawza, li ghalhekk minhabba l-premess, u nuqqas ta' notifika lill-esponenti l-istess sentenza hija nulla u bla effett.

4. U wara li ppremetta illi fil-fatt jirrizulta mill-atti tal-kawza li kemm ic-citazzjoni u kemm l-avviz ghas-smiegh tal-kawza gew mibghuta fil-fond CURL & CHERRY, IMGIERET ROAD, MARSA, u dan meta l-esponenti odjern ma kienx qed jahdem hemmhekk stante li kien wegga' gravament idejh fuq ix-xoghol, u ghalhekk ma kienx qed jahdem f'dak l-istess zmien fl-istess fond, u partikolarment fil-11 ta' Dicembru 1986. DAN JISTA' JIGI IKKONFERMAT mir-rapporti medici tal-istess konvenut, li kien tajjar xi swaba' mill-istess id, minn fuq il-makni tax-xoghol u ghalhekk idejh kienet ghadha mhux tajba ghax-xoghol, u ghalhekk ma kienx qed jahdem, kif fil-fatt kien dam ma jahdem zmien konsiderevoli kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. U premetta illi di piu jirrizulta mill-istess riferta tal-marixxal u mal-pink card li kopja fotostatika taghha qed tigi hawn annessa bhala DOKUMENT 'X', jirrizulta wkoll li l-esponenti qatt ma rcieva l-istess citazzjoni u avviz tas-smiegh tal-kawza, u dan stante li l-firma li hemm fuq l-istess pink card ma hijiex tieghu, kif jista' jigi facilment ivverifikat. Illi di piu jidher minn ezami li sar biss f'dawn il-jiem, wara li l-esponenti sar jaf bis-sentenza, li l-firma hija biss ta' martu, u ghalkemm din ma hijiex cara l-istess citazzjoni qatt ma waslet minghand mart il-konvenut ghall-istess konvenut, tant li sar jaf bis-sentenza biss f'dawn l-ahhar zminijiet.

6. Illi di piu apparti l-premess tali notifika saret hazin stante li apparti l-fatt li f'dak il-mument l-indirizz fejn intbaghtet ic-citazzjoni ma kienx il-post tax-xoghol tal-esponenti stante li ma kienx qed jahdem fih ghaliex kien imwegga' f'idu gravament, jezisti ukoll il-fatt li mart il-

konvenut ma kienitx impjegata mal-istess konvenut, u kienet hemm biss b'kumbinazzjoni stante ukoll li zewgha kien indispost minhabba tali incident gravi li gralu f'idejh. Illi ghalhekk jidher car li tali notifika minbarra l-fatt li qatt ma waslet lill-esponenti, u dan qatt ma rceviha, ghaliex jekk ircevietha martu din qatt ma ghaddithielu, l-istess notifika ukoll jekk giet ricevuta minn martu, hija invalida stante li l-esponenti f'dak iz-zmien ma kienx qed jahdem minhabba li wegga' gravi f'idejh, u di piu martu li jidher li ffirmat il-pink card, ma kienitx impjegata tal-istess konvenut libellanti u ghalhekk tali notifika ai termini tal-artikolu 186 tal-KODICI TAL-PROCEDURA CIVILI - ARTIKOLU BL-ENUMERAZZJONI ANTIKA hija wkoll nulla u bla effett.

7. Illi l-artikolu 811 (b) jaghti dritt car lill-esponenti ghal ritrattazzjoni ghal din il-kawza, stante li l-istess artikolu jitkellem car dwar il-persuna tal-konvenut u mhux dwar persuna ohra, u di piu l-stess esponenti tant ma kienx jaf bil-kawza ghaliex ma giex notifikat, li lanqas biss deher ghall-kawza, u jidher li lanqas qatt ma gie avzat bl-ebda seduta, tant li il-perizja li jidher illum li saret huwa assolutament ma kienx jaf biha, peress li huwa qatt ma gie lanqas notifikat b'xejn,.

8. Illi fit-tieni lok jidher ukoll li tali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ivvizjata stante li

   (a) ai termini tal-ARTIKOLU 811 (f) tal-KODICI TAL-PROCEDURA CIVILI "JUDGEMENT WAS GIVEN ON ANY MATTER NOT INCLUDED IN THE DEMAND".

   u

(b) ai termini tal-ARTIKOLU 811 (e) TAL-KODICI TAL-PROCEDURA CIVILI "WHERE JUDGEMENT CONTAINS A WRONG APPLICATION OF LAW".

9. Illi ghal dak li jirriwarda l-artikolu citat 811 (f) jirrizulta li fir-raba' talba tal-attur f'dik il-kawza talab car u tond li jigi ddikjarat bhala xolt l-appalt ezistenti bejn il-kontendenti, tant li segwa din it-talba specifika b'talba ohra numru 5 u cioe' li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallas lura lill-attur is-somma ta' Lm775.00 imhallsa lilu kif inghad u wkoll fis-sitt (6) talba hemm ukoll konferma ta' dan meta din l-Onorabbli Qorti giet mitluba sabiex tawtorizza lill-attur sabiex jordna S-SETT TAL-KCINA ghand haddiehor.

10. Illi pero' invece jidher li l-EWWEL ONORABBLI QORTI ma ghamlitx u ma akkoradatx it-talba tal-attur stante li hija bl-ebda mod ma xoljiet l-appalt ezistenti bejn l-attur u l-konvenut, tant li l-EWWEL ONORABBLI QORTI SOSTNIET LI F'DAWN L-AHHAR TLETT TALBIET MA JKUNX GUST LI JINTLAQGHU EZATTAMENT KIF IFFORMULATI, IZDA GHANDHOM BISS GUSTAMENT JINTLAQGHU FIL-KONFRONT TAX-XOGHOL LI GHAD BAQA' JSIR CIOE' KEMM TA' RIPARAZZJONI SOSTITUZZJONI U KEMM TA' TKOMPLIJA IZDA MHUX FIL-KONFRONT TAX-XOGHOL KOLLU KONTEMPLAT FL-APPALT. IKUN GUST UKOLL LI IL-HAMES TALBA TAL-ATTUR TINTLAQA' LIMITATAMENT GHAS-SOMMA TA' Lm245 likwidata mill-Perit Tekniku.

11. Illi bir-rispett kollu s-sentenza tal-EWWEL ONORABBLI QORTI, kif gustament qalet l-istess ONORABBLI QORTI, hija ghal kollox

differenti minn dak li talab l-istess attur, stante li l-attur talab kemm bir-4, il-5 u is-6 talba tieghu li jigi xolt l-appalt intier, u dan hekk biss seta' in verita' jitlob stante li jew jezisti kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet, jew jezistix. Din l-istess Onorabbli Qorti fil-fatt ma laqghetx it-talbiet tal-attur u qalet hekk car, u ghalhekk fl-umili opinjoni tal-esponenti din l-istess Onorabbli Qorti ddecidiet li tirrexindi l-istess kuntratt in parte, haga li bl-ebda mod ma kien hemm talba ghaliha mill-istess attur, anzi hija opposta ghal dak li talab u ppretenda l-istess attur fil-konfront tal-konvenut.

12. Illi di piu jidher li saret applikazzjoni hazina tal-ligi fl-umili opinjoni tal-istess esponenti stante li ai termini tal-artikolu 111 ENUMERAZZJONI QADIMA TAL-KODICI CIVILI u l-istess artikolu 1112 tal-ISTESS KODICI jidher car li f'kaz ta' xoljiment u talba ta' xoljiment din tista' issir u tinghata biss rigwardanti il-kuntratt intier, u cioe' f'dan il-kaz l-appalt intier u mhux biss ta' parti minnu, kif l-esponenti umilment jissottometti ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti.

13. U billi fil-fatt l-artikolu 1111 u l-artikolu 1112 jitkellmu car u tond fuq il-hall ta' kuntratt intier u mhux fuq parti minnu, u ghalhekk il-ligi li kellha tigi applikata kien precizament dan l-artikolu, anke jekk it-talbiet kif saru lanqas tali talba ma setghet tigi milqugha legalment, stante li f'dan il-kaz l-attur ghandu ghazla x'jaghmel u cioe' a bazi tal-istess artikolu 1112 huwa jew jitlob li jsiru x-xoghlijiet li fadal, u jitlob id-danni u/jew jitlob li jsiru l-istess xogholijiet a spejjez tal-attur, u ghalhekk jibqa' ferm l-appalt, jew inkella jitlob ir-rexxissjoni tal-istess appalt b'effett ta' restitutio in integrum. Minflok l-attur talab jew wahda jew l-ohra, meta a bazi tal-artikolu 1112

(ENUMERAZZJONI QADIMA) l-attur kellu jaghzel hu mill-bidu liema wahda minn dawn it-talbiet kellu jitlob.

14. U billi ghalhekk l-esponenti qieghed permezz tal-prezenti jinvoka ir-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija a bazi tal-Artikolu 811 (b) tal-Kodici tal-Procedura Civili applikati ghall-QRATI TAL-EWWEL GRAD PERMEZZ TAL-ARTIKOLU 812 tal-ISTESS KODICI TAL-PROCEDURA CIVILI, li jipprovdi li hemm raguni ta' ritrattazzjoni jekk "IC-CITAZZJONI MA TKUNX NOTIFIKATA LILL-PARTI TELLIEFA, BAZAT DIN IL-PARTI GHAD MA TKUNX NOTIFIKATA MA TKUNX DEHRET GHAS-SMIEGH TAL-KAWZA u

    A BAZI TAL-ARTIKOLU 811 (f) tal-istess kodici li jipprovdi li JUDGEMENT WAS GIVEN ON ANY MATTER NOT INCLUDED IN THE DEMAND, u

    A BAZI TAL-ARTIKOLU 811 (e) tal-istess kodici li jipprovdi WHERE JUDGEMENT CONTAINS A WRONG APPLICATION OF LAW.

Talab ghaldaqstant il-libellant li prevja r-revoka totali tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti datata 15 ta' Gunju 1988, u din in kwantu laqghet l-ewwel tlett talbiet tal-attur kif premess, u pprefigiet lill-konvenut terminu ta' 30 gurnata mid-data tas-sentenza u ghall-fini tat-tieni talba innominat a spjejjez tla-konvenut lill-Perit tekniku WILLIAM CASSAR TORREGGIANI, u f'kaz li l-konvenut ma jottemperax ruhu ghaz-zmien lilu moghti laqghet l-ahhar tlett talbiet tal-attur fic-citazzjoni, mhux fil-kont tal-appalt kollu izda limitatament fil-konfront tax-xoghol ta' riparazzjoni, sostituzzjoni u tkomplija, u ghalhekk iddikjarat xolt l-appalt fil-konfront biss tal-istess xogholijiet, u kkundannat lill-konvenut jirrestitwixxi s-somma ta' Lm245 bl-imghax legali mill-20 ta' Ottubru 1986, u fl-ahharnett awtorizzat lill-attur li jaghmel l-istess xogholijiet tramite

haddiehor u b'riserva ta' kull dritt iehor spettanti lill-attur si et quatenus. Bl-ispejjez kontra l-konvenut, tigi ordnata min din il-QORTI R-RITRATTAZZJONI TAL-ISTESS KAWZA, bl-ispejjez kollha kontra l-libellanti ROGER ATTARD.

Rat ir-risposta ta' Roger Attard fejn wiegeb:-

1. Illi l-libellant Philip Chircop m'ghandu l-ebda bazi kif pretiz minnu, skond il-ligi, sabiex jitlob illi din l-Onorabbli Qorti tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza minnu riferita.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-istess libellant issokkomba ghall-gudizzju u gie li rrinunzja ghal kwalsiasi pretensjoni tieghu kif dedotta fil-libell odjern.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lix-xhieda prodotta;

Trattata l-kawza.

F'din il-procedura ghall-fini ta' ritrattazzjoni permezz ta' libell, il-libellant qieghed jipprova jirrevoka s-sentenza maqtugha kontrih minn din il-Qorti (gja Qorti tal-Kummerc) tal-15 ta' Gunju 1988 u dan ukoll in vista ta' diversi allegazzjonijiet premessi fil-libell promotur.

Illi huwa "piu che ovvio" li biex jirnexxi fl-azzjoni minnu sperimentata, il-libellant irid jipprova fl-ewwel lok dak li ppremetta fil-libell tieghu, u dan apparti minn konsiderazzjonijiet ohra ta' natura legali.

Illi l-libellant jallega li fil-mument li suppost huwa gie nnotifikat bl-att tac-citazzjoni li kienet giet istitwita kontrih mil-libellat huwa kien wegga' gravament - dan jirrizulta. Illi pero' il-libellant ikompli jghid li huwa qatt ma rcieva citazzjonijet u dan ukoll billi meta wegga' fl-1986, ix-xoghol tal-fabbrika kienet tmexxieh martu Carmen Chircop. In sostenn ighid li l-firma ghall-fini ta' riferta fuq il-"pink card" hija biss ta' martu. Issa kemm mix-xhieda tieghu stess, kemm ukoll minn dik moghtija minn martu, jirrizulta car u tond li dina l-allegazzjoni hija inveritjera. L-ewwel il-libellant jghid li l-firma "tixbah hafna lil tieghi", imbaghad jargumenta - flok iwiegeb - li ma setax jifhem kif seta' iffirmaha meta kien ikun assenti mill-fabbrika, imbaghad fl-ahhar spicca biex accetta li ffirmaha hu u minn hawn biddel il-motivazzjoni minn wahda ta' cahda ghal ohra li f'dak il-perjodu kellu "breakdown" mentali in konsegwenza tal-korriment li garrab. Biex il-kaz premess mil-libellant ikompli jiddghajjef aktar, martu cahdet kategorikament li hija qatt iffirmat ghal xi citazzjoni - li allura jmur espressament kontra dak li ppremetta l-libellant fis-sens li l-firma kienet ta' martu u mhux tieghu.

Illi minbarra li l-premessi fil-libell promotur huma kontradetti mil-libellant u minn martu stess, jirrizulta wkoll li minkejja illi l-libellant qieghed ukoll jallega li s-sentenza impunjata kienet ibbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi u in parte kienet iddecidiet hwejjeg "extra petita", fl-istess waqt jirrizulta li martu, ghan-nom tieghu, kienet waslet fi ftehim mal-prokuratur legali Victor Bugeja fis-sens li l-ammont ikkanonizzat bis-sentenza jibda jithallas lil-libellat f'pagamenti akkont ta' erbghin lira fix-xahar u thejja librett ghal dan il-ghan, u fil-fatt, il-P.L. Bugeja jghid li gja kien ircieva zewg pagamenti akkont ta' Lm40 kull wiehed, oltre hames liri (LM5) ohra biex il-procedura tas-subbasta tigi sospiza. Dana l-operat zgur ma jaghmilx sens fil-kuntest tal-procedura in ezami promossa mil-libellant.

Il-Qorti tista' tifhem li l-menomazzjoni fizika sofferta mil-libellant gabitu fi stat ta' taqlib mentali imma dan ma jiggustikax asserzjonijiet infondati u inveritjeri. Il-Qorti anzi tinnota li meta l-libellant gie ripetutament minna biex ighid jekk il-firma kienitx tieghu jew le, il-libellant qaghad hafna attent biex ma jgibx il-gebla fuq saqajh u kien biss wara hafna "hedging" u tidwir li jistqarr li l-firma kienet tieghu. Lanqas ma hemm il-prova - u l-procedura f'kull kaz ma gietx ibbazata fuq hekk - li l-libellant ma kienx mentalment kapaci li jifhem l-import ta' dak li ffirma ghalih. Effettivament dan ma setax jaghmlu l-libellant in kwantu ppremetta li l-firma kienet dik ta' martu - fatt negat minn martu stess. Mill-bqija, jidher li l-libellant, oltre li baqa' kontumaci, naqas milli jipprevalixxi ruhu mid-dritt ta' appell u, fl-ahharnett, issokkomba ghad-decizjoni impunjata billi martu effettwat pagamenti akkont tas-sorte li hu gie ikkundannat illi jhallas bis-sentenza li jrid jirrevoka.

Ghal dawn il-motivi;

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tal-libellant, bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghu.

**Onor Imhallef Joseph A. Filletti**

Deputat Registratur

md